MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 350/2004

**United Acceptances Finance Limited (C-360)**

**Vs**

**John Mallia u Felicienne Mallia**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici ippremettiet illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' disat elef tlieta u sebghin liri Maltin (Lm9,073), import ta' kambjali minnhom accettati u ffirmati, kopji ta' liema kambjali jinsabu hawn annessi u mmarkati Dokumenti "1" sa "43";

Ippremettiet illi dawn il-kambjali skadew izda baqghu ma thallsux *nonostante* illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu;

Ippremettiet illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi *a tenur* tal-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Talbet lilll-konvenuti sabiex jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex;

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b'dispensa ghas-smiegh tal-kawza *ai termini* tal-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanhom li jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' disat elef tlieta u sebghin liri Maltin (Lm9,073), import ta' kambjali minnhom accettati u ffirmati, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux.

Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagamenti effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti, b'dan li mil-kalkolu tal-imghax ghandha titnaqqas is-somma ta' Lm1000 li l-konvenuti hallsu fil-mori tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------